24 ta' Ġunju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Air Vice Marshall Ronald Steele, C.B., D.F.C., ne.

*versus*

Prof. Joseph H. Xuereb, LL.D., et. ne.

**Interdizzjoni — Prodigalità — Delitt — Kważi-Delitt — Danni — Art. 1078 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li teżenta l-imġienen, lit-tfal ta' taħt l-età ta' 9 snin, u, meta ma jkunux imxew b'ħażen, lit-tfal li ma jkunux għalqu l-14-il sena, mill-ħlas tal-ħsarat magħmula minnhom, salv il-jedd ta' min ikun bata l-ħsara għal azzjoni oħra, meta jkun hemm lokha, kontra persuni oħra, ma tapplikax għall-interdetti minħabba prodigalità. Dawn huma dejjem obligati għad-delitt jew kważi-delitt tagħhom.*

*Għaldaqstant l-azzjoni għad-danni derivanti min delitt jew kważi-delitt kommess minn interdett minħabba prodigalità hija diretta tajjeb kontra l-istess interdett rappreżentat mill-kuratur tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat it-talbiet ta' l-attur nomine sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u provvediment meħtieġ, il-konvenuti nomine jigu kundannati biex iħallsu lilu nomine s-somma ta' £147. 7. 0 illi l-imsemmi Lebrun, waqt li kien impjegat ma' l-Air Force, approprja indebitament bi frodi u b'falsifikazzjonijiet fil-kotba tal-pagi ta' l-impjegati tal-Ministeru ta' l-Ajru, b'mod li dan il-Ministeru gie misruq mis-somma fuq imsemmija; bl-imgħax tal-5% mill-10 ta' Lulju 1948, data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 1948, u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-istess ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 1948;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut Lebrun kien impjegat bħala skrivan mal-Ministeru ta' l-Avjazzjoni..............;

*Omissis;*

Illi mill-perizja jirriżulta;

Li fiż-żmien li l-konvenut Lebrun kien impjegat mal-Ministeru fuq imsemmi..............;

Li bħala konsegwenza diretta ta' dawna l-falsifikazzjonijiet l-attur nomine sofra danni tal-valur komplessiv ta' £150. 0. 3, konsistenti f'"overpayments" illi l-istess attur nomine għamel lil dawk il-ħaddiema, kif skematikament jidher mill-appendiċijiet I sa XI magħmulin mill-perit, u li huwa annetta mar-relazzjoni, u li l-Qorti tikkonferma, kif tikkonferma l-istess relazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenuti nomine eċċepew illi meta l-imsemmi Lebrun ikkommetta l-falsifikazzjonijiet fuq indikati, huwa kien interdett "per prodigalità", kif għadu sal-lum, u dina l-prodigalità tiegħu ma tidderivax minn passjoni, imma minn infermità mentali, u għalhekk huwa mhux obligat li jirriżarċixxi l-ħsara li għamel b'dawk il-falsifikazzjonijiet, konformement għal dak li hemm maħsub fl-art. 1078 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 1078 tal-Kodiċi Ċivili, "l-imġienen, it-tfal ta' taħt l-età ta' disa' snin, u, meta ma jiġix pruvat li mxew bil-ħażen, it-tfal ukoll li ma jkunux għalqu l-età ta' erbatax-il sena, ma humiex obligati għall-ħlas tal-ħsarat magħmulin minnhom; iżda jibqa' sħiħ il-jedd ta' min ikun bata l-ħsara għall-azzjoni, meta hemm lok għaliha, kontra dawk li huma obligati għal dawk il-ħsarat skond l-artikolu ta' qabel dan";

Illi f'dak l-artikolu tal-liġi ma jissemmiex l-interdett, għar-raġuni wisq evidenti illi jista' jkun hemm każijiet meta l-interdett ikun obligat jirrispondi għad-dannu kaġunat b'delitt jew kważi-delitt. U inveru, huma inkapaċi ta' delitt jew kważi-delitt dawk biss li ma għandhomx l-użu tar-raġuni u dawk li jkunu tilfuha, bħal ma huma t-tfal impuberi u l-imġienen, għaliex dawn la huma kapaċi ta' malizzja u lanqas ta' imprudenza. Iżda l-interdett jista' jkollu mument ta' intervall luċidu u f'dak il-mument ikun kapaċi ta' malizzja u ta' imprudenza. L-interdetti "per prodigalità", imbagħad, kif tgħallem id-dottrina, huma dejjem obligati għad-delitti u għal kważi-delitti tagħhom, u għalhekk il-liġi fl-imsemmija dispożizzjoni ma ssemmihomx, appuntu għax trid li jkunu obligati, billi għandhom l-użu tar-raġuni; u hija tinterdiċihom biss sabiex timpedixxi kuntratti imprudenti;

Illi però, fil-każ sotto eżami, il-konvenuti nomine jissottomettu illi l-prodigalità ta' l-imsemmi Lebrun tidderiva minn infermità mentali;

Illi però, anki jekk dik il-prodigalità tiegħu tista' tiġi ritenuta derivanti minn xi debolezza tal-moħħ, huwa ma jistax għaldaqshekk jiġi kunsidrat bħala bniedem mingħajr raġuni, fi kliem ieħor, bħala miġnun fis-sens intiż mil-liġi; għaliex dik id-debolezza mentali, jekk teżisti, ma twassalx sal-pont li tneħħilu l-koxjenza tal-ħażen li jagħmel. Dana huwa evidenti fil-każ preżenti, fejn jidher ċar illi huwa aġixxa dolożament, b'malizzja, bl-intenzjoni li jagħmel ħsara lill-attur nomine;

Illi għaldaqstant ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar is-setgħa tal-Qorti li tordna li l-ħsara tiġi mħallsa mill-istess Lebrun konformement għal dak li hemm maħsub fl-art. 1079 tal-Kodiċi ċitat;

Illi lanqas, għalhekk, ma tista' tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine, sollevata fin-nota tagħhom fuq imsemmija, illi l-azzjoni hija diretta ħażin kontra l-imsemmi Lebrun rappreżentat minnhom bħala kuraturi tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi ġa ladarba, kif jirriżulta mill-ammissjoni ta' l-istess Lebrun, dana kien personalment responsabili għall-kompilazzjoni ta' l-imsemmijin reġistri, u dawna, kif intqal fuq il-"Personnel Occurrence Register", ġew minnu dolożament falsifikati, u bħala konsegwenza ta' dik il-falsifikazzjoni l-attur nomine ħallas is-somma ta' £150. 0. 3 aktar milli kien iħallas kieku l-imsemmi Lebrun ma għamelx dolożament dik il-falsifikazzjoni, l-istess Lebrun huwa tenut jirrifondi lill-attur nomine dik is-somma ta' flus in linea ta' rifaċiment ta' danni, kif l-attur nomine talab fl-att taċ-ċitazzjoni; għaliex hija ħaġa evidenti illi t-talba ta' l-attur hija għar-riżarċiment tad-danni, u hekk tibqa' avvolja huwa speċifika s-somma ta' dawk id-danni. U l-istess Lebrun huwa tenut jirriżarċizzi dawk id-danni indipendentement mill-fatt jekk ibbenefikax huwa stess minnhom jew le, jiġifieri jekk is-somma ta' flus fuq imsemmija ġietx perċepita minnu jew le; għaliex la darba ġie pruvat illi s-sottrazzjoni ta' dik is-somma ta' flus ġiet magħmula dolożament per mezz tal-frodi u tal-falsifikazzjoni tar-reġistri fuq indikati, magħmula mill-istess Lebrun, dana għandu jirrispondi għaliha; iżda, peress illi l-attur nomine talab biss is-somma ta' £147. 7. 0, il-konvenuti nomine ma jistgħux jiġu kundannati jħallsu somma akbar;

Għal dawna l-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-konvenuti nomine, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tilqa' t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti nomine.

---